KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Antonello Cuschieri - Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier
Louise Portelli – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 36.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

36.1.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 36 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## 36.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.2.1 Is-Sindku Christian Sammut nfurma lill-membri li kellu laqgħa mas-sidien ta' Ħamrun Kiosk fejn offrew għajnuna finanzjarja ta' € 500.

36.2.2 Is-Sindku nfurma li l-cameras se jitwaħħlu kif ġej; 4 se jeħlu mal-fanali fl-area tal-Għassa tal-Pulizija, 1 fuq il-Kiosk u oħra mal-ħajt ta' Little Sisters of the Poor.

36.2.3 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li tal-kiosk għamel sottomissjoni ta' xi pjanti ġodda. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab sabiex issir verifika ta' xi pjanti ġew ippreżentati.

36.2.4 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ġibed l-attenzjoni li l-Pjazza hemm bżonn li jkun hemm aktar dawl għax jekk tkun imdawwla jitnaqqas aktar l-abbuż.

36.2.5 Is-Sindku nfurma li x-xogħol fuq it-tibdil ta' bankini fi Triq Nuzzo nbeda u jidher li kollox miexi tajjeb u under control.

36.2.6 Is-Sindku nfurma li l-Car Show sar u kien hemm attendenza tajba ħafna kemm mill-parteċipanti kif ukoll mill-pubbliku. Matul din l-attivita' nġabru fondi b'risq Puttinu Cares.

36.2.7 Is-Sindku nfurma li l-attivita' fil-Librerija saret u kienet suċċess. Is-Sindku ħeġġeġ sabiex dawn l-inizzjattivi jibqgħu jsiru sabiex tkompli titqajjem kuxjenza tal-importanza tal-qari fost it-tfal Ħamruniżi u anke l-ġenituri tagħhom. Il-Kunsillier Carmen Borg qalet li tkun ħaġa sabiħa jekk jiġu organizzati attivitajiet relatati mal-qari anke għall-għaqdiet lokali, fejn ikunu mistiedna jipparteċipaw.

36.3 **Jum il-Ħamrun 2017**

36.3.1 Is-Sindku qal li bħalma kien ġie deċiż f'Seduta preċedenti l-attivitajiet relatati ma' Jum il-Ħamrun ġew posposti minħabba l-elezzjoni ġenerali. Wara diskussjoni qasira l-membri qablu li l-Quddiesa u l-Għoti tal-Unur Ġieħ il-Ħamrun jinżammu l-Ġimgħa 21 ta' Lulju 2017.

36.3.2 Is-Sindku nfurma li għandhom jiġu magħżula bil-polza r-rappreżentanti tal-għaqdiet li se jkunu qed jiffurmaw parti mill-Kumitat tal-Bord tal-Għażla għall-Unur Ġieħ il-Ħamrun. Il-Kunsill qabel li dawk l-għaqdiet li kienu rappreżentati fil-kumitat tas-Sena li għaddiet ma jkunux fil-polza, sabiex kulħadd jingħata ċans.

36.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni dwar il-lista ta' mistednin għall-Unur Ġieħ il-Ħamrun, fejn wara l-elezzjoni kien hemm xi tibdil fil-Membri Parlamentari tal-Ewwel Distrett. Il-Kunsill qabel li tkun ħaġa xierqa li jiġu mistiedna anke dawk il-membri parlamentari li servew matul il-leġislatura preċedenti.

36.4 **Festa San Gejtanu 2017**

Is-Sindku nfurma li fl-okkażjoni tal-festa San Gejtanu kollox se jimxi bħalma sar is-sena li għaddiet. Se jiġu pprovduti mobile toilets u ambulanzi, mwejjed u siġġijiet mhux se jinħarġu permessi. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tagħmel eżerċizzju mal-Pulizija fejn iddur il-bars kollha, iżżomm il-barman responsabbli u tinfurmahom sabiex ħadd ma jbiegħ xorb fi flixken tal-ħġieġ u ħadd ma jarma mwejjed u siġġijiet barra matul il-ġimgħa kollha tal-festa, sabiex jiġi evitat it-taħwid li kien hemm is-sena l'oħra. Dan l-eżerċizzju kienet tagħmlu fis-snin passati f'lokalita' oħra, fejn flimkien mal-Maġġur u s-Suprtendent kienu jduru bar bar u jwissuhom.Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qabel ma din l-inizjattiva u semma li fi Triq il-Kbira San Ġużepp, hemm bar partikolari li minħabba l-armar li rama kien hemm problemi kbar fejn qed jostakola l-mixja tal-marċ u se terġa' tgħaddi festa oħra u l-Kunsill se jerġa' jsib din il-problema ma wiċċu.

Is-Sindku semma li l-unika diffikulta' li hemm dwar l-imwejjed u siġġijiet huma l-bars tal-area tal-HSBC. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li huwa għalhekk li għandu jsir dan l-eżerċizzju għaliex b'hekk ħadd ma jkollu skużi li għamel spejjeż żejda.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa dwar il-permessi tal-bars, jekk hux se tinħadem l-istess proċedura tas-snin passati,fejn is-sena li għaddiet kienet kważi perfetta. Is-Segretarju kkonfermat li se titħalla l-istess proċedura biex tinżamm ordni kemm jista' jkun. Is-Segretarju spjegat li l-ittri mhumiex dejjem effettivi għaliex issib min jaqla' kull xorta ta' skuża biex jaħarbu mir-responsabbilta' u hekk ħadd ma jkollu skużi li mhux infurmat. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li b'hekk jinħoloq kuntatt mas-sidien tal-bars ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill għandu joqgħod attent li ma jfaqqsux barijiet ġodda mingħajr permessi, għaliex issa l-permessi tal-ħwienet inqatgħu, għaldaqstant se jintalab ukoll l-permess tal-MTA. Is-Segretarju Eżekuttiv spejgat li s-sena li għaddiet kellna taħwida bil-permess tal-Golden Harvest, fejn dan ippreżenta permess fuq propjeta' fi Triq Mile End. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li għandha tinħoloq dikjarazzjoni li tiġi ffirmata mill-barman sabiex żgur ħadd ma jaħrab mir-responsabbilta'.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk fil-każ tal-gabbani hux se jibqa' kollox l-istess bħas-sena li għaddiet. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li s-sena li għaddiet kien hemm gabbani armati quddiem xi djar, għaliex ġiet fil-gallariji tar-residenti.

Is-Sindku qal li se jsir dak kollu possibli sabiex il-gabbani ma jtellfux.

36.5 Is-Sindku nfurma li t-tenders għal dawn is-servizz indikati hawn taħt huma kollha magħluqa. Is-Sindku nfurma lill-membri li għandu jibda l-proċess tal-Evaluation sabiex jiġu aġġudikati dawn it-tenders;

- Pavement & Ancillary Works
- Legal Consultant
- Bulky Refuse
- Traffic Signs & Road Markings
- Street Sweeping
- Supply of Pots
- Supply of Trees, Shrubs and Plants

36.6 **One Way System – Triq San Gejtanu**

Is-Sindku nfurma lill-membri li Transport Malta approvat it-talba tal-Kunsill sabiex Triq San Gejtanu, 'l parti bejn Triq Anton Buttiġieġ u Triq id-Duka t'Ediburgh issir One Way bil-kontra. Is-Sindku nfurma li se tinżamm laqgħa mar-residenti ta' Triq San Gejtanu u Triq San Vincenz nhar it-Tnejn 26 ta' Ġunju 2016.

36.7 **Proġett Triq il-Franġiskani**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda l-pjanta proposta għax-xogħol ta' tisbiħ fi Triq il-Franġiskani. Is-Sindku qal li minkejja l-fatt li dan il-proġett kien diġa diskuss fis-Seduta preċedenti, kien opportun li jerġa' jressaq il-pjanti għall-attenzjoni tal-membri, sabiex jisma' l-opinjoni ta' kulħadd.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ filwaqt li qabel mal-proġett, qal li huwa jinsab ikkonċernat minħabba li se jitnaqqas il-parkeġġ. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li jkun opportun li r-residenti jiġu kkonsultati dwar dan il-proġett. Għaldaqstant ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa għar-residenti ta' Triq il-Franġiskani nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017, fis-6.30p.m.

36.8 Is-Sindku nfurma li llum ġew installati 2 reċipjenti għar-rimi ta' ħwejjeġ għar-riċiklaġġ. Wara eżerċizzju ta' verifika ġie deċiż li dawn iż-żewġ reċipjenti jsiru fl-ispazju tal-parkeġġ fi Triq id-Duka t'Edinburgh u fi Triq Schembri k/m Triq Mountbatten.

36.9 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-vann tal-Kunsill ittieħed għand il-mechanic għal xi tiswija u rriżulta li kellu madwar € 1200 ħsarat. Is-Sindku nfurma li l-vann mhux fi stat tajjeb u l-Kunsill se jkun qed jarmi l-flus jekk joqgħod jagħmel il-manutenzjoni. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill issuġġerixxa li jinxtara van ieħor second hand. Il-Kunsill approva unanimament li tinħareġ it-tender għal xiri ta' van għall-Kunsill.

36.10 Is-Sindku nfurma lill-membri li waqt l-attivita' organizzata fil-librerija kellu l-opportunita' jiltaqa' u jiddiskuti mas-CEO ta' Inspire u mad-Diretturi tad-Dipartiment tal-Libreriji Maltin. Is-Sindku nfurma li se jkun qed isir mural biex jagħti dehra aktar attraenti għat-tfal. Barra minhekk se jkun qed isir tibdil fl-ixkaffar sabiex jintrebaħ l-ispazju.

31.10.1 Il-Kunsillier Carmen Borg ipproponiet li ssir notice board fl-entratura tal-librerija sabiex l-avviżi li jkollha l-librara jitwaħħlu fiha.

36.11 Is-Sindku nfurma li l-cameras fi Triq is-Sewwieqa ġew installati u qed titqajjem aktar kuxjenza fost ir-residenti sabiex jinżamm in-nafid u jsir użu tajjeb tal-bins on wheels.

36.12 Is-Sindku nfurma wkoll li jinsab inkwetat bl-ammont ta' skart li qed jintrema fi Ġnien Oreste Chircop u f'Misraħ K. Muscat.

36.13 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa dwar ir-Reserved Parking ta' Triq Tommaso Caruana Demajo. Kien hemm qbil li tintalab lista updated tar-Reserved Parkings fil-Ħamrun lil Transport Malta.

36.14 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li jiġu approvati dawn il-persuni fis-Sotto Kumitat Ambjent; Vittoria Sciberras, Naomi Mallia, Norman Cremona u Madorian Cachia.

Il-Kunsill approva lil dawn il-membri fis-sotto kumitat Ambjent.

36.15 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li jsir ix-xogħol fuq il-manutenzjoni tal-bankina quddiem 24/26, Triq Joe Sciberras.

36.15.1 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk il-Kunsill hux se jitressaq appell għad-deċiżjoni li ttieħdet minn Transport Malta dwar it-talba ta' One-Way fi Triq Lord Byron.

36.15.2 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li tiġi nstallata U-Bar fi Triq Giovanni Barbara faċċata tal-parking area ta' Top Choice.

36.15.3 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li jsir repainting tal-parking bays fi Triq San Gorg Preca

36.15.4 Il-Kunsilier Carmen Borg talbet li jsir żbir ta' siġar quddiem Block D, Triq is-Sewwieqa. Is-Sindku nfurma li ż-żbir qed isir b'mod regolari.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li bħas-snin l-imgħoddija se terġa' tiġi organizata Skola Sajf għat-tfal tal-Primarja. Il-lezzjonijiet se tinżamm mis-17 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat infurmat li matul il-ġimgħat tas-Sajf se tiġi organizzata ħarġa Esplora u Day by the Pool.

36.16 **Ġemellaġġ mal-Comune ta' Serrone**

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ppreżenta r-rapport tal-Ġemellaġġ li sar mal-Comune ta' Serrone fil-ġimgħat ta' qabel.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti spjega li d-delegazzjoni maltija kienet milqugħa ħafna u jittama li l-Proġett ippreżentat jgħaddi.

36.17 Il-Vici Sindku Vincent Bonello daħal għal-laqgħa fis-18:30

36.18 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 29.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

36.19 **Korrispondenza**

36.19.1 Reklamar fuq il-ktieb tal-Festa Immakulata Kunċizzjoni - Il-Kunsill approva li jsir ir-reklam fil-ktieb tal-festa

36.19.2 Applikazzjoni – Commonwealth Local Government Conference - Id-dettalji ta' din l-applikazzjoni ġew mgħoddija għall-attenzjoni tal-Kunsillier Carmen Borg

36.19.3 Talba għal U-Bar quddiem 26/27, Triq id-Duka t'Edinburgh - Il-Kunsill qabel li din tiddaħħal fil-lista ta' xogħlijiet tal-ħaddiema tal-Kunsill

36.19.4 Bequest – The Baraldi Youth Achievement Award

36.19.5 Il-Kunsill rringrazzja lis-Sur John Baraldi u aċċetta li jibda' jinżamm dan l-award.

36.19.6 Reklamar fuq il-ktieb tal-Festa San Ġużepp. – Il-Kunsill approva li jsir ir-reklam fil-ktieb tal-festa.

36.19.7 Orfejo & Majnun – Laqgħat ta' nformazzjoni – Il-Kunsill qabel li jgħaddi l-informazzjoni lil NGO's tal-lokalita'.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

36.6 Il-laqgħa intemmet fis-7.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Ħamis 13 ta' Lulju 2017 fil-5.00p.m.

Konfermati, illum**, il-Ħamis 13 ta' Lulju 2017**

*Iffirmata*
Christian Sammut
Sindku

*Iffirmata*
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv